# L-Ispirtu ħadu fid-Deżert
# Adorazzjoni Ewkaristika fil-Bidu tar-Randan
# Marzu 2025

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

O Ġesù, bl-eżempju tiegħek,
Int qaddist is-sawm għalina;
u, biex nieħdu s-saħħa f'ruħna,
minna wkoll ridt sawm u ċaħda.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ejja, mela, kun mal-Knisja,
li, f'riġlejn il-ħniena tiegħek,
f'dawn il-jiem titolbok niedma
maħfra w sliem għalina wliedha.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Tinżel fuqna l-grazzja tiegħek
ħa tnaddafna mill-imgħoddi;
tkun it-tjieba tiegħek fuqna
ħa tħarisna minn kull waqgħa.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Hekk, f'dawn l-erbgħin jum, li fihom
issejħilna lejk kull sena,
nitħejjew għall-ferħ u l-barka
tal-misteru tal-Għid tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Lilek, Trinità ħanina,
b'wiċċna fl-art ilkoll inqimu;
ġedded fina 'l qalbna niedma,
biex ngħannulek għanja ġdida. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Ir-Randan: erbgħin jum ta' sawm bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-passjoni, il-mewt, u l-qawmien tal-Mulej. Kien—u mill-ġdid qegħdin nesperjenzaw dan anke f'pajjiżna—erbgħin jum tal-aħħar tħejjija għall-katekumeni li jkunu se jitgħammdu waqt il-Velja tal-Għid. Kien ukoll iż-żmien ta' penitenza għal dawk li wettqu dnubiet gravi u riedu jiksbu l-maħfra u r-rikonċiljazzjoni ma' Alla u l-poplu tiegħu. Illum ukoll, din l-enfasi fuq il-konverżjoni u t-tħabbib mill-ġdid ma' Alla hija talba kostanti tal-Knisja fil-liturġija tagħha sabiex tħeġġiġna ħalli aħna wkoll nagħmlu din l-esperjenza.

Iżda biex tassew inkunu nistgħu nagħmlu dan, jeħtieġ li mmorru lura għan-numru erbgħin u l-għeruq tiegħu fil-Bibbja sabiex nifhmu x'inhu dak li l-Mulej qiegħed isejħilna għalih. Il-Ktieb tal-Ġenesi jfakkarna fl-erbgħin jum u l-erbgħin lejl li damet nieżla x-xita fuq l-art fi żmien Noè (ara Ġen 7, 11-24). Mosè qatta' erbgħin jum sajjem fuq il-muntanja Sinaj sakemm irċieva l-kelma tal-Liġi mingħand Alla (Eż 34, 28), u, minħabba r-ribelljoni tagħhom kontra Alla, ulied Iżrael kellhom iqattgħu erbgħin sena fid-deżert (ara Num 14, 1-38). Wara li jaħrab għax beża' minn Ġeżabel, il-mara tas-Sultan Aħab, Elija jterraq fid-deżert bla waqfien għal erbgħin jum sakemm jasal fuq il-Ħoreb biex hemmhekk, fil-laqgħa siekta ma' Alla, jiskopri mill-ġdid il-missjoni tiegħu fid-dawl ta' dak li ried Alla minnu (1 Slat 19, 1-18).
Fuq kollox, għandna l-erbgħin jum li qatta' Ġesù fid-deżert wara li tgħammed u qabel ma beda l-ministeru pubbliku tiegħu (Mt 4,1-11; Mk 1,12-13; Lq 4, 1-13). Għaldaqstant, f'dan il-ħin ta' adorazzjoni—u wkoll matul dawn l-erbgħin jum tar-Randan—ejjew inħallu lill-Mulej iddaħħalna miegħu fis-skiet tad-deżert u jħejji 'l qalbna biex nilqgħu dak li jixtieq jurina u jagħtina.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (4, 1-12)
F'dak iż-żmien, Ġesù, mimli bl-Ispirtu s-Santu, raġa' lura mill-Ġordan u l-Ispirtu ħadu fid-deżert. Hemm għal erbgħin jum Ġesù kien imġarrab mix-Xitan. Matul dawk il-jiem ma kiel xejn; u mbagħad, meta għaddew dawk il-jiem, ħadu l-ġuħ. U x-Xitan qallu: "Jekk inti Bin Alla, għid lil din il-ġebla ssir ħobż." Wieġbu Ġesù: "Hemm miktub: Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix."
Imbagħad ix-Xitan ħadu fl-għoli u wrieh is-saltniet tad-dinja kollha f'daqqa. Qallu x-Xitan: "Nagħtik is-setgħa fuq dawn kollha, bil-glorja tagħhom ukoll għax hija ngħatat lili, u jiena nagħtiha lil min irrid. Jekk tinxteħet quddiemi tagħtini qima, kollha tiegħek tkun." Ġesù wieġbu u qallu: "Hemm miktub: Lill-Mulej, Alla tiegħek, tadura, u lilu biss taqdi."
Imbagħad ix-Xitan ħadu Ġerusalemm, qiegħdu fuq il-quċċata tat-tempju, u qallu: "Jekk inti Bin Alla, inxteħet minn hawn għal isfel. Għax hemm miktub: 'Lill-anġli tiegħu jordnalhom biex jieħdu ħsiebek sewwa,' u li: 'fuq idejhom jerfgħuk, ħalli ma taħbatx riġlek ma' xi ġebla'." Wieġeb Ġesù u qallu: "Jingħad: Iġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek."
Imbagħad ix-Xitan, meta temm dan it-tiġrib kollu, telaq minn ħdejh sa ma wasal il-waqt.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Tifħir lilek, Kristu.

X'ħadek tagħmel l-Ispirtu fid-deżert, Mulej Ġesù? Bħal donnu kważi kellu jisfurzak ... probabbilment għax diġà kellek togħma tiegħu. Kont tafha d-dehra

ta' dad-deżert ta' blat niexef u ftit li xejn ħajja, li jidher anke minn Ġerusalemm. Jista' jkun li qabel anke għaddejt mit-trufijiet tiegħi waqt xi vjaġġ.
Fir-rakkont ta' dawn l-erbgħin jum, ix-Xitan jipprova jisraq ix-xena u ma jħallikx bi kwietek imma jiġi hemm biex iġarrbek … bħal donnu l-Missier ippermetta li tiġi mġarrab, kif ippermetta li jiġi mġarrab il-qaddej ġust tiegħu Ġob fit-Testment il-Qadim. Imma anke x-Xitan jinsab xi ftit konfuż, donnu mhuwiex ċert jekk intix Alla jew le. Għal darbtejn jibda l-isfida tiegħu bil-kliem: "Jekk inti Bin Alla …" Donnu anke hu ried konferma … Jew inkella ried jittanta xortih u, kif sabek dgħajjef fil-laħam li ħadt fuqek u bil-ġuħ, ipprova jagħmel kolp ta' stat fis-Saltna ta' Alla li ġejt twaqqaf, bil-wegħda ta' ħakma fuq il-ġnus kollha tal-art jekk tinżel tagħtih qima—l-istess bħalma pprova jagħmel fis-sema flimkien ma' għadd ieħor ta' anġli li ssieħbu miegħu u sfaw imkeċċija wara t-taqbida tal-eżerċti tas-sema mmexxi mill-Arkanġlu Mikiel li ismu stess—"Min hu bħal Alla?"—huwa stqarrija tas-setgħa sovrana ta' Alla.

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Imma d-deżert bħala post għandu tifsira biblika ferm usa' minn dan it-tiġrib tax-Xitan. Id-deżert huwa l-post tas-skiet u tal-laqgħa ma' Alla. U inti ġejt meħud hemm mill-Ispirtu biex proprju fis-skiet, qabel tibda l-ħajja pubblika u attiva tiegħek, inti tieqaf u fl-umanità tiegħek tiskot biex tirrifletti u tagħraf x'forma konkreta kellha tieħu l-missjoni tiegħek, x'forma kellha tieħu l-komunikazzjoni tiegħek, x'ġesti l-Missier riedek twettaq sabiex permezz tagħhom tidher fik il-qawwa ta' Alla li int u tagħti togħma tal-mogħdrija u l-ħniena infinita tal-Missier. Hemmhekk, fis-skiet, fl-umanità tiegħek, inti ħallejt lilek innifsek iġġarrab din l-istess imħabba intima. Dan insibuh anke fil-Ktieb tal-Profeta Ħosegħa meta jqabbel l-esperjenza tal-poplu Lhudi fid-deżert maż-żmien sabiħ tal-għerusija u l-ewwel jiem taż-żwieġ ma' Alla permezz tal-Patt tas-Sinaj, 'il bogħod mill-idolatrija wara ħruġhom mill-Eġittu:

"Għalhekk, araw, jiena se niġbidha,
neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem …
Għal dejjem ngħarrsek miegħi,
ngħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena,
b'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi,
u int tagħraf lill-Mulej." (Hos 2, 16. 21-22)

Għalhekk, hux, tridna nidħlu miegħek fid-deżert f'dan ir-Randan: biex proprju, waqt li niġu mġarrba, inħalluk tgħarbilna sabiex tneżżagħna minn kollox, tgħarrafna min aħna quddiemek, u hekk aħna wkoll inġarrbu din ir-rabta ta' mħabba intima miegħek li tajt ħajtek għalina biex tiksibna għal dejjem.

**Innu Ewkaristiku**

B'xi mod, Mulej Ġesù, f'dan iż-żmien inti trid tħallina wkoll niġġarbu bħalek. Mhuwiex tiġrib għad-dnub, kif kultant naħsbu li tfisser il-petizzjoni tat-talba tal-*Missierna* "la ddaħħalniex fit-tiġrib" li għallimtna nitolbu inti stess (Mt 6, 13a). Nafu tajjeb kemm jimmaturawna u jqawwuna l-provi tal-ħajja li jiġu fuqna frott l-għażla li nimxu warajk iktar mill-qrib jew frott it-taħbit li bih jipprova jfixkilna ħaddieħor minħabba fil-missjonijiet li bihom fdajtna f'ħajjitna.
Hu minħabba f'hekk li permezz tas-sawm u ċ-ċaħda inti trid tneżżagħna mir-rabta mal-ġid u l-affarijiet materjali. Permezz tal-qagħda tagħna fis-skiet quddiemek inti trid tfarrak kull idolu li nqimu flokok u kull idea falza li għandna tiegħek biex nagħrfu tassew min inti u lilek biss nagħżlu li nqimu, mhux biex ikollna poter jew suċċess jew ħajja bla tbatija, imma biex, meħlusa minn kull xkiel, f'kull ċirkostanza nintrabtu biss miegħek. Permezz tal-karità u tal-azzjonijiet konkreti ta' mħabba u qadi, inti trid teħlisna minn kull kilba biex naħkmu u nużaw lill-oħrajn, issaffi r-relazzjonijiet kollha tagħna, sabiex inħobbu lil kulħadd bħalma tħobb int, kif ordnajt lid-dixxipli tiegħek waqt l-aħħar ikla: "Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (Ġw 13, 34-35).

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Qabel ma noħorġu mill-kenn ta' dan id-deżert ta' skiet u ta' laqgħa intima mal-Mulej Ġesù preżenti realment fostna permezz tal-ħobż bla ħmira magħġun biss bi ftit ilma—l-istess kif kielu wlied Iżrael meta ħarġu mill-Eġittu fi triqthom għall-ħelsien fid-deżert—ejjew ifesfsu f'widnejh it-talbiet tagħna għall-Knisja u għad-dinja.

- Ħu ħsieb tal-Għarus tiegħek, il-Knisja, sabiex bil-preżenza, bil-kliem, u b'azzjonijiet konkreti tkompli twassal l-imħabba tiegħek fid-dinja-deżert għatxana għall-verità u l-imħabba. Nitolbu.
- Kun mal-Papa Franġisku f'dan il-mument ta' prova u agħtih dak li jeħtieġ, sew fir-ruħ u sew fil-ġisem. Nitolbu.
- Eħles il-qlub tas-setgħanin tal-art u ta' dawk li għandhom f'idejhom il-ġid tal-popli minn kull regħba u kilba għall-poter sabiex iħabirku għall-paċi u t-tqassim ġust tal-ġid bejn kulħadd. Nitolbu.
- Qaddes u wettaq fir-rieda tagħhom lil dawk li sejjaħtilhom sabiex iħallu d-dinja u jingħaqdu miegħek fid-deżert sieket tal-ħajja kontemplattiva. Nitolbu.
- Kompli sejjaħ minn fostna żgħażagħ ġenerużi li jiċħdu l-ġid u kull suċċess personali sabiex jimxu warajk bħala qaddejja umli tiegħek u tal-poplu. Nitolbu.

- Farraġ lil dawk kollha li bħalissa huma mġarrbin minħabba mard, mewt, inkwiet, jew saram ieħor, sabiex f'dal-mument ta' tbatija jintelqu għal kollox f'idejk. Nitolbu.
- Fil-bidu ta' dan iż-żmien tar-Randan, saħħaħ ir-rieda tagħna biex ma nibżgħux mill-impenn Nisrani li titlob minna u nfittxu li nintrabtu iktar miegħek u ma' ħutna b'mod safi permezz tas-sawm, tat-talb, u tal-karità. Nitolbu.

Ilqa', Mulej Ġesù, dan it-talb fqajjar tagħna, u agħmel li, permezz tat-taħriġ tar-Randan imqaddes, id-deżert tal-ħajja tagħna jsir ġnien imsoqqi tajjeb. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali